MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 999/2010

**Av. Dottor Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom**
**u in rappresentanza tas-socjeta` estera adidas-Salomon AG**

**vs**
**Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u P.L. Noel Scerri**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Xiamen Yixinhe Trade Co. Ltd.**
**b’digriet tal- 5 ta’ Dicembru 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attur nomine ta’ 1 ta’ Ottubru 2010 li jghid hekk

1. Illi s-socjeta` rikorrenti adidas-Salomon AG, ta’ Adi-Dassler-Str. 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markju

distintiv maghruf bhala “three stripes device”, liema markju huwa uzat mis-socjeta` rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “A”;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ propjeta` industrijali ta’ l-istess markju distintiv “three stripes device”, fil-komplessita’ tieghu rregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No*. 10994 (kif muri f’Dok. “A”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet ta’ l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “three stripes device” u dan kollu ai termini ta’ l-artikolu 2 ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi jirrizulta illi fis-26 ta’ Awissu 2010 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “MAULLIN”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markju tas-socjeta’ rikorrenti fuq imsemmi liema konsenja tikkonsisti fi hdax-il elf mija u tnejn u sebghin (11,172) par zraben sportivi, b’Container Numru AMFU8669207 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni ta’ l-artikolu 4 tal-Kap. 414;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru NGGAKPX00 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala ‘To Order’, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma ndikati bhala Xiamen Yixinhe Trade Co. Ltd.;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-artikolu 4 ta’ l-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap. 414, li favur

taghha huma rregistrati l-markju distintiv maghruf bhala “three stripes device”, kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravjenu wkoll id-drittijiet ta’ l-awtur illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha fuq l-imsemmi marku distintiv taghha li huwa wkoll xoghol artistiku protett bil-Kap. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta – Att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur, u dan skond l-artikolu 2(1)(b) tal-Kap. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera adidas International Marketing B.V. f’isem is-socjeta` rikorrenti (ara rapport ta’ l-analizi mmarkat bhala Dok. “B”);

7. Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta’ l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “C”);

8. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi li tikkonsisti fi hdax-il elf mija u tnejn u sebghin (11,172) par zraben sportivi b’Container Numru AMFU8669207 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu

d-dritt ta' proprjeta` intellettwali ta' dina s-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark ir*registrat f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numri 10994 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet ta' l-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta' ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "E";

Rat id-digriet tal-5 ta' Novembru 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-2 ta' Dicembru 2010 fejn ecceppew:-

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-27 ta’ Jannar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri nomine li ddikjara li ma kellux provi ohra. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Frar 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja fost ohrajn tal-markju distintiv maghruf bhala “three stripes device”, liema markji huma uzati minn din is-socjeta` fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportive, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokument A, liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 10994, kif muri fid-Dokument A.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’*container* Numru AMFU8669207 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk fis-26 ta’ Awwissu 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markju distintiv tas-socjeta’ rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f’11,172 par zraben sportivi u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artiklu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 29 ta’ Settembru 2010 (Dok. B) maghmul minn T.G.J. Behean, General Counsel tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. A sa Dok. E u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius Dok. GA1 li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ T.G.J. Behean li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta’ l-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta’ George Agius tat-18 ta’ Jannar 2011 Dok. GA1. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-11,172 par zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi f’11,172 par zraben sportivi b’Container Numru AMFU8669207 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant

vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 10994 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "three stripes device";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta' l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza
jiddistruggi z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-11,172 par zraben in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit ta' George Agius Dok. GA1;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba billi ma hemmx bzonnha;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li lkuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------